MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Numru 1013/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**RYAN ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ryan Attard, ta' 16-il sena, bin Grazio u Louise nee' Bugeja, imwieled tal-Pieta' nhar l-10 ta' Marzu, 1989, residenti fil-fodn imsejjah Louise, Triq Sant'Elija, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 012189 (M);

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Gunju, 2005 f'xi 14.15hrs, gewwa z-Zejtun, attakka jew ghamel residenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Joseph Agius u s-Surgent PS 359 C

Abdilla, u PC 1246 Cecirl St John, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ordni pubblika moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni jew kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapiltolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, u dna bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 96 (a), l-Artikolu 339 (e), u kif ukoll l-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Ryan Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------